MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2373/2000/1

**Av.Carmel Chircop bhala mandatarju specjali ta' Georgi Nikolov Furnadjiev**
**vs**
**Winterberry Shipping Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine wara li ppremetta: illi s-socjeta' konvenuta Maltija Winterberry Shipping Ltd. hija debitrici tal-attur fl-ammont ta' US$16,500 [circa Lm6,600]; illi dan il-kreditu huwa dovut ghal-prestazzjoi lis-socjeta' konvenuta, **fuq talba tal-istess socjeta'**, mill-attur nomine ta' konsulenza u assistenza teknika rigward il-bastiment Mv Neringa, proprjeta' tal-istess socjeta' konenuta, matul il-perijodu li kien qed isirulu tiswija u xoghol iehor ta' manutenzjoni gewwa t-tarzna Bourgas Shipyard gewwa l-Bulgarija; illi l-attur nomine talab lis-socejta' konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan is-socjeta'

konvenuta baqghet inadempjenti; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitur huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x' jaghti; talab li l-konvenut jghid ghaliex in vista tal-premess ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti: 1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; 2.Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' US$16,500 [circa Lm6,600]; Bl-ispejjez u bl-imghax relatat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet:
1. Illi s-socjeta' konvenuta sid il-bastiment NERINGA, bastiment registrat Malta, ma hix responsabbli ghat-talbiet tal-attur ghar-raguni li din qatt ma dahlet f' ebda ftehim mal-attur u qatt ma kkuntrattat s-servizzi tal-attur. Is-socjeta' li ftehmet mal-attur kienet ACM [Israel] Shipping Ltd.socjeta' mill-Israel u l-attur qatt ma ikkomunika mas-socjeta' konvenuta [dokumenti hawn annessi u mmarkati AF1 u AF5] ghaldaqstant tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi bla pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni, jekk nonnostante l-ewwel eccezzjoni u l-provi li ser jingghabu waqt it-trattazzjoni tal-kawza, din l-onorabbli Qorti tikkonkludi, li s-socjeta konvenuta ikkuntrattat mal-attur u ghaldaqstant hija l-legittima kontradittur, l-attur ma ipprovdiex dawk is-servizzi li kellu jipprovdi skond il-ftehim bejnu u bejn is-socjeta ACM (Israel) Shipping Ltd tal-Israel. (kopja ta' korrespondenza relattiva hawn anessa u mmarkata Dok AF1 –AF5) li ghalih qed jitlob il-hlas;
3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jidher li il-ftehim li kien jezisti bejn l-attur u s-socjeta ACM tal-Israel, kien li l-attur kellu jipprovdi servizzi lil zewg bastimenti, MV NERINGA u MV AHORA. Il-bastiment AHORA mhux propjeta tas-socjeta konvenuta. Ghaldaqstant is-socjeta konvenuta ma tista qatt tkun responsabbli ghall-hlas ta' allegat servizzi li inghataw fil-konfront tal-bastiment AHORA u ghalhekk ma tistax tinsab responsabbli ghall-ammont kollu mitlub mill-attur.

4. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni anke l-ammont li qed jitlob l-attur huwa eccessiv u mhux dovut mis-socjeta konvenuta kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-Atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-guramnet;
Rat li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qed jippretendi minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' US$16,500 ghall-prestazzjonijiet ta' konsulenza u assistenza maghmula minnu fuq il-bastiment NERINGA, *"fuq talba tal-istess socjeta'."*

Illi mill-provi rrizulta inkontestat li s-socjeta' ACM [Israel] Shipping Ltd. rappresentata minn Arie Fridenson kienet inkarigat lill-attur sabiex jaghti is-servizzi professjonali tieghu waqt it-tiswija tal-vapur NERINGA, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, u l-vapur AHORA. Id-dikussjonijiet li kellu l-attur u li wasslu ghal dan l-inkarigu saru kollha mal-imsemmi Fridenson, u l-kontenut tal-ftehim jnsab inkorporat fil-fax[1] mibghuta lill-attur that l-isem ACM [Israel] Shipping Ltd. fil-31 ta' Awissu 1998.

Illi l-inkarigu tal-attur kien jikkonsisti fis-segwenti ".. you will render your professional servies to assist the masters of the vessels that all works will be carried out in the best professional way in the interest of the owners. You will assist and consult masters and superintendent with all negotiations with the shipyard regarding prices and all other action needed to protect owner' interest".[2]

[1] Dok.AF1 – Fol.24
[2] *Ibid.* sottolinear tal-Qorti

Illi minn dan l-istadju l-versjonijiet tal-partijiet jikkuntrastaw. Minn naha tieghu l-attur qed isostni li l-ftehim li ntlahaq kien bejnu u bejn is-socjeta' konvenuta rappresentata minn ACM [Israel] Shipping Ltd. Skond it-tesi tieghu, meta gie konkluz l-ftehim din il-kumpanija kienet fil-fatt qeda tagixxi ghan-nom u bhala agent tas-socjeta' konvenuta li hija l-proprjetarja tal-vapur NIRANGA.

Minn naha l-ohra, s-socjeta' konvenuta qed isostni li hija ma kienet bl-ebda mod partecipi mod ghal dak il-ftehim li ghalih ma kienitx parti u li fil-konfront taghha jikkostitwixxi *res inter alios acta.* Dr.Tonio Fenech[3] direttur tas-socjeta' konvenuta spjega li, ghalkemm il-vapur huwa proprjeta' taghha, din fit-18 ta' Jannar 1998 kienet dahlet f' Bareboat Charter agreement[4] mas-socjeta' Argo Coral Maritime Ltd.

Skond il-klawsola 9 tal-istess Charterparty *"The vessel shall during the Charter period be in the full possession and at the absolute disposal for all the purposes of the Charters and under their complete control in every respect. The charteres shall maintain the Vessel, her machinery, boilers, appurtenances and spare parts in a good state of repair, in efficient operating condition and in accordance with good commercial maintenance practice."*[5]

Illi sussegwentement, kif jirrizulta mill-provi prodotti mill-konvenuta, Argo Coral Maritime Ltd. dahlet fi ftehim ma' ACM [Israel] Shipping Ltd u inkarigata bhala ship manager taghha. Kienet f' din il-kwalita' li ACM kienet ikkunttrat l-imsemmi ftehim mal-attur.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur sostna li, la darba skond it-termini tal-ftehim li huwa kellu ma Arie Fredinson is-servizzi professjonali huwa kellu jaghtihom *"in the interests of the owners",* allura l-konkluzjoni hi li dan kien qed jagixxi ghan-nom tal-proprjetarji tal-vapuri li fil-kaz tal-

[3] Affidavit 16.10.2001 Fols.64-71
[4] Fols.66 *et seq.*
[5] [Ibid]

vapur NIRANGA hija socjeta' konvenuta u l-obbligazzjonijiet kontrattwali jorbtu lil din tal-ahhar. Dan huwa l-argument bazi tal-attur. Skond hu ic-Charter agreement kien wiehed fittizju.

Illi Arie Fredinson fl-affidavits tieghu spjega illi meta huwa dahal fi ftehim mal-attur huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta' ACM [Israel] Shipping *Ltd "in its own name and on its own behalf".* Dan jirrizulta car mill-fax li inkorporat il-ftehim mibghuta that l-isem tal-imsemmi kumpanija. Zied jghid li *"at no stage or at any time were the owners involved in these contracts"* u l-fatt li fl-inkarigu tieghu l-attur kellu l-obbligu li jghin lill-masters tal-vapur, dan ma jwassalx ghal xi relazzjoni, legali jew kontrattwali mal-proprjetarji tal-vapur. Rigward il-frasi *"in the interests of the owners"* ix-xhud spjega li *"it is quite obvious that since the vessel belongs to its owners he must in carrying out his job take care of owner's interests, but this does not mean in any way that the owners were the contracting parties.*[6]

Rigward il-garanzija mhallsa ghar-rilaxx tal-vapur wara li dan kien gie arrest fil-Bulgaria fuq talba tal-attur u in kawtela tal-pretensjonijiet tieghu, dan l-istess Fridenson spjega li dina fil-fatt kienet giet imhallsa minn ACM Ltd. Is-socjeta' konvenuta prezentat kopja ta' din il-garanzija li turi li l-flus fil-fatt hargu mill-kont ta' Argo- Coral Maritime Ltd. [7] Qal ukoll, u gew prezentati dokumenti f' dan ir-rigward, li l-paga tal-bahrin, impjegati u insurances kienu jithallsu minn din il-kumpanija u mhux mis-socjeta' konvenuta.

Rigward l-allegazzjoni da parti tal-attur li s-socjeta' konvenuta kienet impjegat lil Kolesnikov Sermiy kif indikat minn kopja ta' Employment Agreement minnu esebit[8] ix-xhud innega li Winterberry Shipping Ltd. kienet fil-fatt impjegat 'seaman' biex jahdmu fuq il-vapur NERINGA.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[6] Affidavit 18 ta' Lulju 2001 fols.45 *et seq.*
[7] Dok.AF 20 Fol.156
[8] Fols.93 *et seq.*

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li sabiex il-pretensjoni tal-attur tirnexxi fil-konfront tas-socejta' konvenuta, dana irid jipprova b' mod sodisfacenti li l-ftehim li huwa kien ghamel ma' Arie Fridenson kien fil-fatt sar ma' Winterberry Shipping Ltd. Jispetta lill-attur l-oneru li jipprova rabta kontrattwali bejnu u bejn is-socjeta' konventa u li tirrendi lil din tal-ahhar responsabbli ghall-obbligazzjonijiet naxxenti mill-ftehim raggjunt permezz ta' Fridenson.

Fi kliem iehor mhux sufficjenti li l-attur jargumenta li l-kliem *"in the interests of the owner"* jndikaw li Fridenson kien qed jikkuntratta ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, imma jirid jigi provat li dan kien jesisti fir-realta' tal-fatti, u cioe' li verament kienet tesisti rabta bejn Fridenson u s-socjeta' konvenuta li permezz taghha tal-ewwel seta' legalment jagixxi ghan-nom tal-ahhar. Fin-nuqqs ta' din il-prova jkun mankanti il-fattur tal- il-kunsens reciproku, element essenzjali ghar-rabta kontrattwali, u ghalhekk dak li l-istess Fridenson ftiehem mal-attur ma jstax jivvinkola lis-socjeta' konvenuta li allura tibqa' terz estranew ghall-istess.

Illi fit-tieni lok l-ispjegazzjoni moghtija minn Fridenson tal-motiv u l-import tsl-frasi *"in the interests of the owners"*, hija accettabbli stante li l-vapur kien u baqa' proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, u allura kull tiswija jew xoghol li jsir fuqu isir in ultima analizi fl-interess taghha. Dan jirrizulta wkoll mill-klawsola numru 9 tal-Barboat Charter agreement li permezz tieghu s-socejta' Argo, ghalkemm assumiet il-kontroll u r-responsabbilita' tal-vapur, obbligat ruhha li zzomm il-vapur " in a good state of repair, in efficient operating condition and in accordance with good commercial maintenance practice"[9] – kondizzjoni li bla dubbju ta' xejn hija intiza biex tikkawtela l-interessi tal-proprjetarju tal-vapur.

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi hija tal-fehma li l-attur ma pprovax lanqas fuq bazi ta' probabbilita' l-esistenza ta' ftehim bejn Fridenson u s-socjeta' konvenuta li permezz tieghu dina kienet awtorizzat lilu jew lis-socjeta'

[9] Supra

ACM [Israel] Shipping Ltd. biex tidhol fi ftehim mal-attur. Il-preponderanza kbira tal-provi juru li Fridenson fit-trattattivi mal-attur kien qed jagixxi unikament ghan-nom ta’ ACM, u mhux tas-socjeta’ konvenuta li minn naha taghha jirrizulta li ma kellha x’ taqsam xejn mal-ftehim de quo u ma kienet involuta b’ ebda mod, hlief li hija baqghet il-propretarju tal-vapur li pero’ f’ dak iz-zmien kien that il-kontroll assolut tas-socejta’ Argo Coral Maritime Ltd. li kienet qed thaddem l-istess vapur permezz tas-ship manager ACM.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li hija kienet estranea ghall-ftehim li a bazi tieghu l-attur ppromwova din il-kawza, u li ghalhekk mhijex il-legittimu kontradittur, hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjetat’ konvenuta, u filwaqt li tiddikjara li din mhix il-legittimu kontradittur f’ dawn il-proceduri, tillbera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju – bl-ispejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------